

Appell ippreżentat fis-7 ta' Frar 2011 mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) mis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 2010 mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fil-Kawża T-137/09, Nike International vs UASI — Muñoz Molina (R 10)

(Kawża C-53/11)

(2011/C 152/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellant: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (*rappreżentant:* J. Crespo Carrillo, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedura: Nike International Ltd. u Aurelio Muñoz Molina

Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza appellata;
- tagħti deċiżjoni dwar il-mertu, tiċħad ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni kkontestata, jew tirrinviija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. Ksur tar-Regola 49 tar-Regolament ta' implementazzjoni ⁽¹⁾ u tal-Artikolu 59 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja ⁽²⁾

Id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq ir-Regola 49(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni flimkien mal-Artikolu 59 attwali tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja. Madankollu, is-sentenza appellata ma tirreferi fl-ebda mument la għar-Regola 49(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, u lanqas għall-Artikolu 59 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, u ma tgħid xejn dwar l-applikazzjoni tagħhom f'dan il-każ. L-UASI jikkunsidra li dan jikkostitwixxi żball ta' liġi u nuqqas ta' motivazzjoni.

2. Ksur tal-linji gwida tal-UASI u tar-Regola 49(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni

L-UASI jqis li l-linji gwida tiegħu ma japplikawx f'dan il-każ. Madankollu, is-sentenza appellata tikkonferma f'żewġ okkażjonijiet li l-Bordijiet tal-Appell għandhom l-obbligu li japplikaw il-linji gwida tal-UASI. Fil-fehma tal-UASI, dan jikkostitwixxi żball ta' liġi.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-22 ta' Frar 2011 — Asociación Nacional de Grandes Empresas de Distribución (ANGED) vs Federación de Asociaciones Sindicales (FASGA) et

(Kawża C-78/11)

(2011/C 152/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo (Spanja).

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Asociación Nacional de Grandes Empresas de Distribución (ANGED)

Konvenuti: Federación de Asociaciones Sindicales (FASGA), Federación de Trabajadores Independientes de Comercio (FETICO), Federación Estatal de Trabajadores del Comercio, Hostelería, Turismo y Juego de UGT y Federación del Comercio, Hostelería y Turismo de CC.OO.

Domanda preliminari

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, jipprekludi interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li jiġi interrott il-perijodu ta' leave sabiex wieħed ikun jista' igawdi l-leave kollu — jew il-leave li jifdal — f'data sussegwenti fil-każ li jkun hemm diżabbiltà temporanja matul il-perijodu tal-leave imsemmi?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

Appell ippreżentat fil-25 ta' Frar 2011 minn Fidelio KG mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2010 fil-Kawża T-286/08 — Fidelio KG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-87/11 P)

(2011/C 152/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Fidelio KG (*rappreżentant:* M. Gail, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)